



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.11.2013
COM(2013) 718 final

2013/0341 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

L-iskop tal-proposta meħmuża għal Regolament hija s-sospensjoni tad-dazji awtonomi tat-tariffa doganali komuni fuq il-karburant tal-ġettijiet, li bħalissa huwa kklassifikat taħt il-kodiċi NM 2710 19 21.

Bħalissa, ftehimiet bilaterali dwar l-avjazzjoni ma' pajjiżi terzi normalment jinkludu d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw l-eżenzjoni mid-dazju tal-karburant tal-ġettijiet. Madankollu, f'dan ir-rigward huwa meħtieġ li fuq livell Ewropew tkun żgurata ċarezza u uniformità, b'hekk tingħata ċertezza legali lill-operaturi kif ukoll jiġi evitat kwalunkwe tgħawwiġ tal-kompetizzjoni li jirriżulta minn approċċi u regoli differenti.

Il-maġġoranza l-kbira tal-importazzjonijiet tal-karburant tal-ġettijiet lejn l-Unjoni Ewropea (UE) toriġina minn pajjiżi li jibbenefikaw mill-Iskema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (SPĠ) u għalhekk, huma ħielsa mid-dazju. Dan għandu importanza sinifikanti għall-industrija tal-ajru tal-UE.

Wara r-reviżjoni tal-iskema SPĠ, rigward il-preferenzi li se japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014, produttori esportaturi kbar ta' karburant tal-ġettijiet bħall-pajjiżi tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC) mhux se jkomplu jibbenefikaw minn dan l-aċċess preferenzjali għall-UE, filwaqt li oħrajn (l-Indja), mill-inqas għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2016 mhux se jibbenefikaw mill-SPĠ f'xi kategoriji ta' prodotti, inkluż il-karburant.

L-impożizzjoni ta' dazji doganali fuq il-karburant tal-ġettijiet minn dawn il-fornituri x'aktarx ikollha impatt fuq il-prezz tal-karburant tal-ġettijiet fis-suq tal-UE, fin-nuqqas ta' diversifikazzjoni tas-sors tal-karburant tal-ġettijiet għas-suq Ewropew. Barra minn hekk, ir-raffineriji fl-UE ma jkunux jistgħu jżidu l-produzzjoni tal-karburant tal-avjazzjoni b'xi mod sinifikanti, fi żmien qasir, minħabba li dan jimplika li jkun qed jipproduċu prodotti derivattivi oħrajn bħall-gażolina, li għaliha jkun jridu jiġu esplorati opportunitajiet ġodda ta' esportazzjoni. Għaldaqstant, kemm l-industrija tal-ajru kif ukoll l-industrija taż-żejt tal-UE jeħtieġu ċertu żmien biex jaġġustaw għall-konsegwenzi tal-gradwazzjoni ta' dawn il-pajjiżi fornituri mill-istatus ta' SPĠ.

Filwaqt li jitqiesu tibdiliet futuri possibbli fis-sitwazzjoni tas-suq, is-sospensjoni għandha tiġi eżaminata mill-ġdid fuq il-bażi ta' valutazzjoni proporzjonata fi żmien ħames snin.

Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, huwa propost li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 skont il-każ.

Il-proposta li jittawal l-*istatus quo* hija f'konformità mal-politiki tal-Unjoni.

2. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U L-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Kien ikkonsultat il-Grupp dwar il-Kwistjonijiet ta' Ekonomija Tariffarja, li fih l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru huma rappreżentati.

Ma ssemwex ir-riskji potenzjalment serji b'konsegwenzi rriversibbli.

Din il-proposta se ssir wara proċedura ta' konsultazzjoni fost is-servizzi u se tiġi ppubblikata wara l-adozzjoni tagħha mill-Kunsill.

3. L-ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Il-bażi legali ta' din il-proposta għal regolament hija l-Artikolu 31 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (TFUE).

Bis-saħħa tal-Artikolu 31 tat-TFUE, ir-rata tariffarja awtonoma hija stabbilita mill-Kunsill li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq il-bażi ta' proposta min-naħa tal-Kummissjoni.

Kif previst fit-Trattat, il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li tipprowvi l-kummerċ bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi u tibbilanċja l-interess kummerċjali tal-operaturi ekonomiċi (fornituri ta' servizzi fl-Unjoni, utenti u konsumaturi) mingħajr ma tibdel l-iskeda tal-UE u tad-WTO.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax, minħabba li l-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Ma hemm ebda telf fid-dħul tar-Riżorsi Propriji Tradizzjonali meta mqabbel mas-sitwazzjoni preżenti. Mill-1 ta' Jannar 2014 hemm nuqqas tat-twettiq potenzjali ta' dħul addizzjonali fid-dawl tat-tibdiliet tal-istatus tal-SPĠ ta' ċerti pajjiżi terzi. Madankollu, minħabba l-ftehimiet bilaterali dwar l-avjazzjoni applikati bħalissa, li jipprovdu għall-eżenzjoni mid-dazju tal-karburant tal-avjazzjoni, il-possibbiltà ta' telf ta' dħul addizzjonali f'Riżorsi Propriji Tradizzjonali mill-01/01/2014 titqies bħala negliġibbli.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Is-suq tal-Unjoni Ewropea (UE) għall-karburant tal-ġettijiet jiddependi b'mod konsiderevoli fuq l-importazzjonijiet ta' karburant tal-ġettijiet minn pajjiżi terzi.
- (2) Għalkemm il-ftehimiet bilaterali dwar l-avjazzjoni bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi normalment jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-eżenzjoni mid-dazju fuq il-karburant tal-ġettijiet, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti regoli komuni dwar l-eżenzjoni mid-dazju għal karburant tal-ġettijiet sabiex ċarezza u uniformità jkunu żgurati f'dan ir-rigward, tingħata ċertezza legali lill-operaturi u jiġi evitat kwalunkwe tgħawwiġ tal-kompetizzjoni li jirriżulta minn prattiki u regoli differenti.
- (3) Bħalissa, parti sinifikanti tal-importazzjonijiet tal-karburant tal-ġettijiet lejn l-Unjoni toriġina minn pajjiżi li jibbenefikaw mill-iskema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati jew għandhom aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni, u għalhekk l-importazzjonijiet jkunu ħielsa mid-dazju.
- (4) Bl-applikazzjoni ta' preferenzi tariffarji skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012¹ li tibda mill-1 ta' Jannar 2014, għadd ta' pajjiżi li huma esportaturi importanti tal-karburant tal-ġettijiet mhux se jkomplu jibbenefikaw minn dan l-aċċess preferenzjali għas-suq tal-Unjoni, u ċerti pajjiżi esportaturi oħra mhux se jibbenefikaw minn dan l-aċċess preferenzjali għal ċerti kategoriji ta' prodotti, inkluż il-karburant².

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) tas-17 ta' Diċembru 2012 li jissospendi l-preferenzi tariffarji għal ċerti pajjiżi benefiċjarji tal-SPG fir-rigward ta' ċerti taqsimiet tal-SPG skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati (ĠU L 348, 18.12.2012, p. 11).

- (5) L-impożizzjoni ta' dazji doganali fuq il-karburant tal-ġettijiet minn dawn il-fornituri x'aktarx tikkawża żieda fil-prezz tal-karburant tal-ġettijiet fis-suq tal-Unjoni minħabba li mhuwiex ekonomikament vijabbli għal raffineriji fl-Unjoni li jżidu l-produzzjoni tagħhom tal-karburant tal-avjazzjoni b'mod sinifikanti.
- (6) Filwaqt li jitqiesu tibdiliet futuri possibbli fis-sitwazzjoni tas-suq tal-karburant tal-ġettijiet, din il-miżura għandha tiġi eżaminata mill-ġdid fuq il-bażi ta' valutazzjoni proporzjonata fi żmien ħames snin.
- (7) Huwa għalhekk xieraq li tiġi sospiża r-rata awtonoma tad-dazju doganali għall-karburant tal-ġettijiet. Is-sospensjoni għandha tkopri l-prodotti kollha li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2710 19 21.
- (8) L-Anness I għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87³ għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, it-test għall-kodiċi NM 2710 19 21 fil-kolonna 3 tat-tabella fil-Parti Tnejn, Taqsima V, Kapitolu 27, jinbidel b'dan li ġej:

"4,7 (*)

(*) Rata awtonoma ta' dazju: B'xejn."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

ISEM IL-PROPOSTA:

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda l-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 2658/87 dwar in-Nomenklatura tat-Tariffi u l-Istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni.

LINJI BAĠITARJI:

Kapitolu u Artikolu: Kapitolu 12, Artikolu 120

L-ammont ibbaġitjat għas-sena 2014: EUR 18.086.400.000 (AB 2014)

IMPATT FINANZJARJU:

☐ Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjonijiet finanzjarji.

X Il-proposta ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq l-infiq iżda jista' jagħti l-każ li jkollha impatt finanzjarju potenzjali, li madankollu jkun negliġibbli, minħabba r-raġunijiet li ġejjin:

Fl-2012, il-valur totali ta' importazzjonijiet tal-kodiċi NM 2710 19 21 ammonta għal EUR 12,2 biljun⁴. Ir-rata konvenzjonali tad-dazju għal dan il-kodiċi NM hija 4,7 %.

Il-biċċa l-kbira ta' dawn l-importazzjonijiet (aktar minn 97 %) kienu ħielsa mid-dazju bħala riżultat tal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Kummerċ Ħielsa u l-SPĠ.

Mill-1/1/2014 għadd ta' pajjiżi esportaturi importanti (li jammontaw għal 82 % tal-importazzjonijiet) mhux se jibqgħu jibbenefikaw mill-SGP. Dan jista' eventwalment jirrappreżenta żieda fid-dħul potenzjali ta' madwar EUR 470 miljun għar-Riżorsi Propriji Tradizzjonali.

Madankollu, bħalissa hemm, iktar minn 1 500 Ftehim dwar it-trasport bl-ajru bejn l-UE jew l-Istati Membri u pajjiżi terzi u l-Istati Membri ħarġu dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-istivi ta' ingeni tal-ajru.

Fl-isfond ta' dan l-għadd ta' miżuri tal-Istati Membri li jipprovdu għall-eżenzjoni mid-dazju tal-karburant tal-avjazzjoni, il-possibbiltà ta' telf tad-dħul addizzjonali fir-Riżorsi Propriji Tradizzjonali mill-01/01/2014 titqies bħala negliġibbli.

⁴

Sors Eurostat – Proċedura tal-istatistika: Normali